MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 74/2001/1

**Luigia Caruana**

**vs**

**Clotilde Vella u b`digriet tal-21 ta` Awissu 1997 il-gudizzju gie trasfuz f`isem Clotilde Vella f`isimha proprju u ghan-nom taz-zewg minuri Ivyn Mark u Allan Keith ahwa Vella minflok missierhom Paul Vella li miet fil-mori tal-kawza u b`digriet tas-26 ta` Marzu 2002 Ivyn Mark Vella assuma l-atti f`ismu proprju stante li sar maggorenni**

**Il-Qorti;**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar, 2002 wara rikors maghmul minn Luigia Caruana fis-17 ta' Jannar, 2001. Permezz ta' dan ir-rikors l-imsemmija Caruana (illum l-appellata) talbet, a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, li tigi reza ezekuttiva sentenza tal-Prim Awla moghtija fit-2 ta' Marzu, 1994 fl-ismijiet ***Luigia Caruana v. Paul Vella*** (Citaz 57/82 AJM). B'din is-sentenza ta' Marzu 1994 il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet in parti l-ewwel talba taghha u kkundannat lill-allura konvenut Paul Vella sabiex jizgombra mill-ambjent ta' l-ewwel sular tal-fond indikat fl-istess citazzjoni u dan fi zmien sitt xhur mid-data ta' l-istess sentenza.

2. Wara li Luigia Caruana kisbet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament (bin-numru 2449/94C) biex tenforza s-sentenza ta' Marzu, 1994, Paul Vella u martu Clotilde Vella ppruvaw jimpunjaw dan il-mandat permezz ta' kawza *ad hoc*. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' sentenza datata 20 ta' Frar, 1998, cahdet it-talba ghar-revoka ta' dak il-mandat ta' zgumbrament; sentenza li giet konfermata minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-25 ta' Gunju, 1999[1], wara li minnha kien sar appell minn naha tal-familja Vella.

*3.* Bis-sentenza taghha tal-15 ta' Jannar, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba ta' Luigia Caruana sabiex hija tigi awtorizzata tezegwixxi s-sentenza tat-2 ta' Marzu, 1994 aktar 'l fuq imsemmija. Dik il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-intimati, liema eccezzjonijiet kienu tlieta u kienu jghidu testwalment hekk: *"**1**. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti diga ttentat proceduri fuq l-istess mertu, cediethom u m'ghaddietx biex thallas l-ispejjez inkorsi u ghalhekk hemm in-nullita` ta' dawn l-atti skond l-artikolu 907(2) tal-Kap. 12; Dawn il-proceduri kienu pendenti quddiem l-Imhallef Dr Gino Camilleri fuq l-istess mertu. **2**. Fit-tieni lok ma hemmx dikjarazzjoni guramentata kif trid il-ligi fuq ir-rikors presentat jew ghall-anqas fuq il-kopja tar-rikors notifikat. **3**. Fit-tielet lok is-sentenza giet ezegwita*

[1] Fl-ismijiet ***Paul u Clotilde Vella et. v. Luigia Caruana***.

*volontarjament mill-intimata, u hi pretenzjoni infondata tal-attrici li qed tghid li ma nghatatx arja ekwivalenti ghal dak li suppost rebhet bis-sentenza.”* Il-parti tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti li biha ddisponiet minn dawn l-eccezzjonijiet tghid hekk: *“Illi* <u>*dwar it-tielet eccezzjonijiet*</u> *ta` l-intimata proprio u nomien jinghad: fl-ewwel lok, li d-dispozizzjonijiet ta` l-artikolu 907(2) m japplikawx ghall-procedura tal-lum, u dan ghl zewg ragunijiet: l-ewwelnett ghaliex ir-Rikors tal-lum jirreferi gahl procediment ta` awtorizzazzjoni ta` ezekuzzjoni tas-sentenza tat-2 ta` Marzu, 1994, u limitatament ghalhekk, b`mod li ma jqis xejn l-ghamliet ta` proceduri li l-esekutant ikun ha biex ipprova jezegwixxi dak it-titolu u r-ragunijiet ghaliex ikun naqas li jesegwih fiz-zmien imsemmi mil-ligi; u, fit-tieni lok, ghaliex l-atti ta dan ir-Rikors ma jikkostitwux il-bidu ta` kawzaohra ghall-istess haga li r-rikorrenti kienet bdiet b`kawza ohra u rrinunzjat ghall-atti taghha. Minn dejjem inghad li l-artikolu 907 huwa dispozizzjoni eccezzjonali li ghandha tapplika biss bil-konkors tal-kundizzjonijiet imsemmijin fih;*

*Illi dwar it-tieni eccezzjoni, din tidher mill-atti li mhix misthoqqa, ghaliex ir-Rikors fil-fatt inhalef mir-rikorrenti dak inhar li tressaq l-att, kif titlob il-ligi;*

*Ilil dwar it-tielet eccezzjoni l-Qorti ssib li ghalkemm l-intimata proprio et nomine tghid li s-sentenza giet ezegwita minnha minn rajha, ma hemm l-ebda prova ta’ dan. Ghall-kuntarju, minn dak li jinsab fl-atti, il-partijiet jidher li ghadhom jitqabdu ma xulxin dwar it-termini tas-sentenza li taghha qeghda tintalab l-awtorizzazzjoni ta` ezekuzzjoni. Jekk l-intimata ghaddiet lir-rikorrenti parti biss minn dak li s-sentenza tat-2 ta` Marzu, 1994, ordnat lil zewgha li jghaddi, ir-rikkorenti jifdlilha interess li tressaq it-talba ghall-ezekuzzjoni shiha ta` dak ordnat bl-imsemmija sentenza. Taht l-artikolu 259 tal-Kap 12 abbinat ma` l-artikolu a’ qablu, it-talba ghandha tintlaqa’ wkoll jekk parti biss mill-kreditu jew mit-talba originali tkun ghadha dovuta”.*

4. Fir-rikors ta’ appell taghhom l-appellanti, filwaqt li ma qajjmu ebda aggravju dwar it-tieni eccezzjoni, bazikament irrepetew (issa f’forma ta’ aggravji ta’ appell) l-ewwel u t-

tielet eccezzjonijiet aktar ‘l fuq riprodotti fil-paragrafu 3 ta’ din is-sensenza. Huma bazikament jikkontendu li l-Artikolu 907(2)[2] kien ta’ ostakolu ghall-proceduri odjerni mibdija bir-rikors tas-17 ta’ Jannar, 2001. Skond l-appellanti, peress li Caruana kienet bdiet il-proceduri ghall-izgumbrament (bit-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament) izda kienet cediet dawk il-proceduri (ara kopja tal-atti ezibita mill-intimati quddiem l-ewwel Qorti bin-nota tal-25 ta’ April, 2001, fol. 27 sa 33) u baqghet ma hallsitx l-ispejjez, hija ma setghetx tipproponi r-rikors tas-17 ta’ Jannar, 2001. Inoltre jergghu jtennu li kien hemm esekuzzjoni volontarja tas-sentenza tat-2 ta’ Marzu, 1994 u li ghalhekk it-talba sabiex dik is-sentenza tigi reza ezekuttiva skond l-Artikolu 258 imsemmi kienet infondata. L-appellanti, ghalhekk, qed jitolbu (ara fol. 49) li din il-Qorti torriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkoncerna l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet minnhom sollevati b’mod li tichad it-talba tar-rikorrenti Luigia Caruana *“…u fi kwalunkwe kaz, fil-kaz ta’ konferma tar-regolarita` tal-proceduri, tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Qorti halli jinstemghu il-provi dwar it-tielet eccezzjoni biex jigi konstatat dwar jekk is-sentenza gietx esegwita kif qed tinsisti l-intimata jew inkella kif qed tippretendi oltre r-rikorrenti minn dak li originarjament inghata lilha fl-istess sentenza…”*.

5. Din il-Qorti ma tistax hlief tqis dawn iz-zewg aggravji tal-appellanti bhala assolutament frivoli, u kjarament intizi biex semplicement ikomplu jostakolaw l-ezekuzzjoni ta’ sentenza li ghaddiet in gudikat <u>fl-1994</u> u li l-appellata ghanda kull dritt li titlob l-ezekuzzjoni taghha. Kwantu ghas-subartikolu (2) ta’ l-Artkolu 907 dan jipprovdi li *“Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-<u>kawza</u> u hija ma tistax tibda <u>kawza ohra</u> ghall-<u>istess haga</u>, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti). Id-dokumenti ezibiti minn fol. 30 sa 33 jirreferu ghall-atti tal-mandat ta’ zgumbrament nru. 4067/99JV, u jindikaw li meta Caruana giet biex tizgombra lil Vella inqalghu xi problemi li kienu jirrikjedu l-intervent ta’ Arkitett u Inginier Civili sabiex

[2] Erroneament indikat fl-ewwel paragrafu ta’ l-ewwel aggravju bhala 907(3).

jassisti lill-Marixxalli tal-Qorti fl-esekuzzjoni ta' dak il-mandat. Dak li cediet Caruana b'nota ta' l-10 ta' Lulju, 2000 (ara fol. 33) kienu l-atti ta' dak il-mandat ta' zgumbrament (4067/99JV). Dawk l-atti u dawk il-proceduri huma haga totalment differenti mill-kawza istitwita bir-rikors tas-17 ta' Jannar, 2001 sabiex sentenza li fuqha jkunu ghaddew aktar minn hames snin tigi reza ezekuttiva. Apparti minn hekk, minn imkien ma jirrisulta li l-ispejjez konnessi ma' dak il-mandat ma thallsux – l-intimati (appellanti f'din l-istanza) ma gabu ebda prova ta' dan, u certament kien jinkombi fuqhom li jaghmlu l-prova tan-nuqqas ta' hlas ta' spejjez.

6. Kwantu ghall-kwistjoni ta' l-ezekuzzjoni volontarja tas-sentenza ta' l-1994, din il-Qorti taqbel perfettament ma dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sens li ma ngabet ebda prova ta' tali ezekuzzjoni volontarja u li, anzi, kollox jindika l-kuntrarju. Hija infondata l-allegazzjoni ta' l-appellanti, maghmula fir-rikors ta' appell taghhom, li t-tielet eccezzjoni ma gietx mismugha jew dibattuta jew li kien hemm xi intendiment li kellhom jigu decizi biss *"l-ewwel eccezzjonijiet ta' natura procedurali"*. Il-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2001 (fol. 37) hu car fil-portata tieghu – ir-rikors (tas-17 ta' Jannar, 2001) kien gie trattat mill-partijiet, il-partijiet qablu li l-atti gudizzjarji bejn il-partijiet li kienu jirrigwardaw l-istess rikors kien jinsabu fl-atti, u r-rikors thalla ghad-decizzjoni ghat-12 ta' Dicembru, 2001[3]. Ma hemm xejn x'jindika li l-ewwel Qorti kellha taghti biss sentenza *in parte* kif issa qed jippretendu l-appellanti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jithallsu mill-appellanti *in solidum*. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fit-termini tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12, il-Qorti tikkundanna lill-appellanti sabiex ihallsu lill-appellata l-ispejjez ghal darbtejn.

Dep/Reg

[3] Id-differimenti tat-12 ta' Dicembru, 2001, 17 ta' Jannar, 2002 u 28 ta' Jannar, 2002 ma jbiddlu xejn minn dak li jirrisulta fil-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2001.

gs